

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 54



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 63

26 ta' Frar 2020

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament Delegat Tal-Kummissjoni (UE) 2020/256 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi ppjanar kontinwu pluriennali ⁽¹⁾.....** 1
- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/257 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għad-dominju tal-forza tax-xogħol ⁽¹⁾.....** 9
- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/258 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għad-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien ⁽¹⁾.....** 16
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/259 tal-25 ta' Frar 2020 li jemenda għat-310 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida.....** 29

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/260 tal-25 ta' Frar 2020 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1202 fir-rigward tal-prevenzjoni tal-isplużjonijiet u l-protezzjoni minnhom.....** 31

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

Rettifika

- ★ Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2208 tad-9 ta' Diċembru 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l- Istituti Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Protokoll Nru 1 dwar id- definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva (ĠU L 332, 23.12.2019) 34

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/256

tas-16 ta' Diċembru 2019

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi
ppjanar kontinwu pluriennali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Sistema tal-ippjanar kontinwu pluriennali trid tiġi adottata għal perjodu ta' tmien snin biex tirregola l-għbir tad-*data* koperta mill-Anness IV tar-Regolament (UE) 2019/1700, b'mod partikolari biex tikkonforma mal-perjodiċità speċifikata f'dak l-Anness, u tispeċifika l-perjodu li matulu trid tinġabar id-*data*.
- (2) Il-Kummissjoni jenħtieġ tiżgura li dan l-att jikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità u ma jimponix piż jew kost sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq dawk li jwieġbu.
- (3) Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet xierqa ma' esperti nazzjonali waqt it-tħejjija ta' dan ir-Regolament Delegat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-ippjanar kontinwu pluriennali għall-għbir tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2019/1700 mill-2021 sal-2028.

Artikolu 2

Il-perjodi tal-għbir tad-*data* għad-dominji u għas-suġġetti dettaljati assoċjati

1. Għall-oqsma b'perjodiċità waħda biss, kif elenkat fil-punti 3 sa 7 tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2019/1700, il-perjodu tal-għbir tad-*data* għandu jkun kif stabbilit fil-parti A tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.
2. Għad-dominji b'diversi perjodicitajiet, kif elenkat fil-punti 1 u 2 tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2019/1700, il-perjodu tal-għbir tad-*data* għandu jkun kif stabbilit fil-parti B tal-Anness I ta' dan ir-Regolament. Għal dak il-għan, is-suġġetti dettaljati marbutin ma' dawn id-dominji għandhom jiġu raggruppati, kif stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Perjodi tal-għbir tad-*data* għas-suġġetti ad hoc mitluba mill-utenti

Il-perjodu tal-għbir tad-*data* għas-suġġetti *ad hoc* mitluba mill-utenti għandu jkun kif stabbilit fil-parti B tal-Anness I.

⁽¹⁾ ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1.

*Artikolu 4***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

Perjodi għall-ġbir tad-data

Parti A: Il-perjodi għall-ġbir tad-data għad-dominji b'perjodiċità waħda

Dominji	Snin tal-ġbir tad-data							
	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	2028
Saħħa					X			
Edukazzjoni u taħriġ		X ⁽¹⁾						X ⁽²⁾
Użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni	X	X	X	X	X	X	X	X
Użu tal-ħin								
Konsum					X ⁽³⁾ , ⁽⁴⁾			

⁽¹⁾ Lulju 2022-Marzu 2023⁽²⁾ Lulju 2028-Marzu 2029.⁽³⁾ Kienet mistennija ssir fl-2025, iżda ġiet posposta għall-2026 skont il-punt 8 tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2019/1700. Għall-ewwel implimentazzjoni tal-ġbir tad-data dwar id-dominju tal-konsum, l-Istati Membri jistgħu jiddevjaw għal mhux aktar minn sena mis-sena tal-ġbir tad-data definita f'dan l-Att delegat.⁽⁴⁾ Skont il-punt 8 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/1700, ir-rekwiżit tal-preċiżjoni għad-dominju tal-konsum jista' jintlaħaq billi tiġi kkombinata l-mikrodata li tikkonċerna lil mhux aktar minn tliet snin suċċessivi ta' osservazzjoni. F'dan il-każ, l-aħħar sena ta' osservazzjoni għandha tkun l-2026.

Parti B: Il-perjodi għall-ġbir tad-data għad-dominji b'diversi perjodiċitajiet

Dominji	Gruppi (akronimi)	Snin tal-ġbir tad-data							
		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	2028
Forza tax-Xogħol	Trimestrali (LFQ)	Kull kwart	Kull kwart	Kull kwart	Kull kwart	Kull kwart	Kull kwart	Kull kwart	Kull kwart
	Annwali (LFY)	X	X	X	X	X	X	X	X
	"Raġunijiet għall-migrazzjoni" u "arranġamenti tal-ħin tax-xogħol" (LF2YA)	X		X		X		X	
	"Parteċipazzjoni f'edukazzjoni u taħriġ formali u mhux formali (12-il xahar)", "Diżabbiltà u elementi oħra tal-Modulu Minimu tas-Saħħa fl-Ewropa" u "Elementi tal-Modulu Minimu tas-Saħħa fl-Ewropa" (LF2YB)		X		X		X		X
	Is-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-migranti u d-dixxendenti immedjati tagħhom (LF8YA)	X							

Dominji	Gruppi (akronimi)	Snin tal-ġbir tad-data							
		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	2028
	Pensjonijiet u parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol (LF8YB)			X					
	“Żgħażaġħ fis-suq tax-xogħol” u “Livell edukattiv milħuq – dettalji, inkluż l-edukazzjoni interrotta jew abbandunata” (LF8YC)				X				
	Rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja tal-familja (LF8YD)					X			
	Organizzazzjoni tax-xogħol u arranġamenti tal-ħin tax-xogħol (LF8YE)							X	
	Inċidenti fuq lant tax-xogħol u problemi ta’ saħħa relatati max-xogħol (LF8YF)								X
	Suġġett <i>ad hoc</i> dwar il-ħiliet tal-impjegji		X						
	Suġġett <i>ad hoc</i> (jiġi definit aktar tard)						X		
Introjtu u Kundizzjonijiet tal-Għajxien	Annwali (ILCY)	X	X	X	X	X	X	X	X
	Tfal (ILC3YA)	X			X			X	
	Saħħa (ILC3YB)		X			X			X
	Suq tax-Xogħol u Abitazzjoni (ILC3YC)			X			X		
	Kwalità tal-ħajja (ILC6YA)		X						X
	Trażmissjoni interġenerazzjonali tal-iżvantaġġi & Diffikultajiet tal-abitazzjoni (ILC6YB)			X					
	Aċċess għas-servizzi (ILC6YC)				X				
	Dejn eċċessiv, konsum u ġid (ILC6YD)						X		
	Suġġett <i>ad hoc</i> dwar Arranġamenti u kundizzjonijiet tal-għajxien tat-tfal b’familji separati jew imħalltin	X							
	Suġġett <i>ad hoc</i> (jiġi definit aktar tard)			X					
	Suġġett <i>ad hoc</i> (jiġi definit aktar tard)					X			
Suġġett <i>ad hoc</i> (jiġi definit aktar tard)							X		

ANNEX II

Raggruppament tas-suġġetti dettaljati għall-ġbir tad-*data* b'diversi perjodicitajiet

Dominji	Suġġetti dettaljati	Gruppi (akronimi)
Forza tax-Xogħol	Informazzjoni tal-ġbir tad- <i>data</i>	Trimestrali (LFQ)
	Identifikazzjoni	Trimestrali (LFQ)
	Ponderazzjonijiet	Annwali (LFY) u Trimestrali (LFQ)
	Karatteristiċi tal-intervista	Trimestrali (LFQ)
	Lokalizzazzjoni	Trimestrali (LFQ)
	Demografija	Trimestrali (LFQ)
	Ċittadinanza u sfond migratorju	Trimestrali (LFQ)
	Kompożizzjoni tal-unitajiet domestiċi	Annwali (LFY)
	Kompożizzjoni tal-unitajiet domestiċi – dettalji speċifiċi addizzjonali	Annwali (LFY)
	Soġġorn fil-pajjiż	Trimestrali (LFQ)
	Raġuni għall-migrazzjoni	Kull sentejn (LF2YA)
	Elementi tal-Modulu Minimu tas-Saħħa fl-Ewropa	Kull sentejn (LF2YB)
	Diżabbiltà u elementi oħra tal-Modulu Minimu tas-Saħħa fl-Ewropa	Kull sentejn (LF2YB)
	Inċidenti fuq lan tax-xogħol u problemi ta' saħħa relatati max-xogħol	Kull 8 snin (LF8YF)
	Status tal-attività prinċipali (awtodefinizzjoni)	Trimestrali (LFQ)
	Karatteristiċi elementari tal-impjieg	Trimestrali (LFQ)
	Status tal-impjieg	Trimestrali (LFQ)
	Tul tal-kuntratt	Trimestrali (LFQ)
	Detalji tal-kuntratt	Annwali (LFY)
	Status full-time jew part-time – raġuni	Trimestrali (LFQ)
	Ħaddiem għal rasu dipendenti	Annwali (LFY)
	Responsabbiltajiet superviżorji	Annwali (LFY)
	Daqs tal-istabbiliment	Annwali (LFY)
	Post tax-xogħol	Trimestrali (LFQ)
	Xogħol mid-dar	Annwali (LFY)
	Tiftix għal impjieg	Trimestrali (LFQ)
	Ħerqa għax-xogħol	Trimestrali (LFQ)
	Disponibbiltà	Trimestrali (LFQ)
	It-tieni impjieg jew diversi impjiegi	Trimestrali (LFQ)
	Tiftix għal impjieg ieħor	Annwali (LFY)
Sottoimpjieg	Trimestrali (LFQ)	
Rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja tal-familja	Kull 8 snin (LF8YD)	

Dominji	Suġġetti dettaljati	Gruppi (akronimi)
	Żgħażaġħ fis-suq tax-xogħol	Kull 8 snin (LF8YC)
	Sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-migranti u d-dixxendenti immedjati tagħhom	Kull 8 snin (LF8YA)
	Pensjonijiet u parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol	Kull 8 snin (LF8YB)
	Ħtiġijiet tal-kura	Annwali (LFY)
	Bidu ta' impjieg	Trimestrali (LFQ)
	Kif instab ix-xogħol	Annwali (LFY)
	Kontinwità u pawżi tal-karriera	Trimestrali (LFQ)
	Karatteristiċi elementari tal-aħħar impjieg	Annwali (LFY)
	Ħinijiet tax-xogħol	Trimestrali (LFQ)
	Arranġamenti tal-ħin tax-xogħol	Kull sentejn (LF2YA)
	Organizzazzjoni tax-xogħol u arranġamenti tal-ħin tax-xogħol	Kull 8 snin (LF8YE)
	Introjt mix-xogħol	Annwali (LFY)
	Introjt mill-benefiċċji tal-qgħad	Trimestrali (LFQ)
	Livell edukattiv milħuq	Trimestrali (LFQ)
	Livell edukattiv milħuq – dettalji, inkluż edukazzjoni interrotta jew abbandunata	Annwali (LFY) u kull 8 snin (LF8YC)
	Parteċipazzjoni f'edukazzjoni u taħriġ formali u mhux formali (4 gimġhat)	Trimestrali (LFQ)
	Parteċipazzjoni f'edukazzjoni u taħriġ formali u mhux formali (12-il xahar)	Kull sentejn (LF2YB)
Introjt u kundizzjonijiet tal- għajxien	Informazzjoni tal-ġbir tad- <i>data</i>	Annwali (ILCY)
	Identifikazzjoni	Annwali (ILCY)
	Ponderazzjonijiet	Annwali (ILCY)
	Karatteristiċi tal-intervista	Annwali (ILCY)
	Lokalizzazzjoni	Annwali (ILCY)
	Demografija	Annwali (ILCY)
	Ċittadinanza u sfond migratorju	Annwali (ILCY)
	Kompożizzjoni tal-unitajiet domestiċi	Annwali (ILCY)
	Kompożizzjoni tal-unitajiet domestiċi – dettalji speċifiċi addizzjonali	Annwali (ILCY)
	Tul taż-żmien fil-pajjiż	Annwali (ILCY)
	Diżabbiltà u Modulu Minimu tas-Saħħa fl-Ewropa	Annwali (ILCY)
	Dettalji dwar l-istatus tas-saħħa u d-diżabbiltà	Kull 3 snin (ILC3YB)
	Saħħa tat-tfal	Kull 3 snin (ILC3YA)
	Aċċess għall-kura tas-saħħa	Annwali (ILCY)
	Kura tas-saħħa	Kull 3 snin (ILC3YB)

Dominji	Suġġetti dettaljati	Gruppi (akronimi)
	Aċċess għall-kura tas-saħħa (tfal)	Kull 3 snin (ILC3YA)
	Determinanti tas-saħħa	Kull 3 snin (ILC3YB)
	Status tal-attività prinċipali (awtodefinizzjoni)	Annwali (ILCY)
	Karatteristiċi elementari tal-impjeg	Annwali (ILCY)
	Karatteristiċi tal-post tax-xogħol	Kull 3 snin (ILC3YB)
	Tul tal-kuntratt	Annwali (ILCY)
	Status tal-impjeg	Kull 3 snin (ILC3YC)
	Sitwazzjoni dettaljata tas-suq tax-xogħol	Annwali (ILCY)
	Responsabbiltajiet superviżorji	Annwali (ILCY)
	Esperjenza tax-xogħol preċedenti	Annwali (ILCY)
	Kalendarju tal-attivitajiet	Annwali (ILCY)
	Ħinijiet tax-xogħol	Annwali (ILCY)
	Livell edukattiv milħuq	Annwali (ILCY)
	Livell edukattiv milħuq – dettalji, inkluż edukazzjoni interrotta jew abbandunata	Kull 3 snin (ILC3YC)
	Parteċipazzjoni f'attivitajiet tal-edukazzjoni formali (bħalissa)	Annwali (ILCY)
	Kwalità tal-ħajja	Annwali (ILCY)
	Parteċipazzjoni soċjali u kulturali	Kull 6 snin (ILC6YA)
	Bennesseri	Kull 6 snin (ILC6YA)
	Privazzjoni materjali	Annwali (ILCY)
	Privazzjoni speċifika għat-tfal	Kull 3 snin (ILC3YA)
	Karatteristiċi ewlenin tal-abitazzjoni	Annwali (ILCY)
	Detalji dwar il-kundizzjonijiet tal-abitazzjoni, inkluż privazzjoni u kera imputata	Kull 3 snin (ILC3YC)
	Kostijiet tal-abitazzjoni, inkluż kostijiet tal-utilità mnaqqsa	Annwali (ILCY)
	Ambjent tal-għajxien	Kull 3 snin (ILC3YC)
	Diffikultajiet tal-abitazzjoni (inkluż diffikultajiet fil-kera) u raġunijiet	Kull 6 snin (ILC6YB)
	Użu ta' servizzi, inkluż servizzi tal-kura u servizzi għal għajxien indipendenti	Kull 6 snin (ILC6YC)
	Affordabbiltà tas-servizzi	Kull 6 snin (ILC6YC)
	Ħtiġijiet mhux issodisfati u raġunijiet	Kull 6 snin (ILC6YC)
	Indukrar tat-tfal	Annwali (ILCY)
	Introjtu mix-xogħol	Annwali (ILCY)
	Introjtu mit-trasferimenti soċjali	Annwali (ILCY)
	Introjtu mill-pensjonijiet	Annwali (ILCY)

Dominji	Suġġetti dettaljati	Gruppi (akronimi)
	Introjtu ieħor, inkluż introjtu minn trasferimenti ta' proprjetà u ta' kapital u bejn unitajiet domestiċi	Annwali (ILCY)
	Taxxi u kontribuzzjonijiet reali mħallsa wara t-tnaqqis	Annwali (ILCY)
	Introjtu annwali totali fil-livell tal-persuni u tal-unitajiet domestiċi	Annwali (ILCY)
	Dejn eċċessiv, inkluż ir-raġunijiet	Kull 6 snin (ILC6YD)
	Arretrati	Annwali (ILCY)
	Elementi tal-ġid, inkluż sjeda tal-abitazzjoni	Kull 6 snin (ILC6YD)
	Elementi tal-konsum	Kull 6 snin (ILC6YD)
	Trażmissjoni interġenerazzjonali tal-vantaġġi u tal-iżvantaġġi	Kull 6 snin (ILC6YB)
	Valutazzjoni tal-ħtiġijiet proprji	Kull 6 snin (ILC6YB)

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/257**tas-16 ta' Diċembru 2019****li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titolu tal-varjabbli għad-dominju tal-forza tax-xogħol****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex jiġu koperti l-ħtiġijiet identifikati fis-suġġetti dettaljati rilevanti, il-Kummissjoni jenħtieġ tispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għas-sett tad-*data* fid-dominju tal-forza tax-xogħol.
- (2) L-għadd ta' varjabbli li jridu jinġabru ma jaqbiżx b'aktar minn 5 % lill-għadd ta' varjabbli miġbura għad-dominju tal-forza tax-xogħol fil-mument meta daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2019/1700.
- (3) Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet xierqa ma' esperti nazzjonali bħala parti mit-tħejjija ta' dan l-att delegat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*L-għadd u t-titlu tal-varjabbli għas-sett tad-*data* fid-dominju tal-forza tax-xogħol huma stabbiliti fl-Anness.*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

⁽¹⁾ ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1.

L-għadd u t-titlu tal-varjabbli għas-sett tad-*data* fil-qasam tal-forza tax-xogħol

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli
01. Elementi tekniċi - 23 varjabbli tekniċi (19 trimestrali; 4 annwali) - varjabbli derivat wieħed	Informazzjoni dwar il-ġbir tad- <i>data</i>	REFYEAR	Sena tal-istħarriġ
		REFWEEK	Ġimgħa ta' referenza
		REFMONTH	Xahar ta' referenza
		INTWEEK	Ġimgħa tal-intervista
		HHTYPE	Għajxien f'unità domestika privata jew f'istituzzjoni
		STRATUM	Strat
		PSU	Unità primarja tal-kampjunar
		FSU	Unità finali (jew ahharja) tal-kampjunar
		DEWEIGHT	Ponderazzjoni tad-disinn
	Identifikazzjoni	IDENT	Identifikatur uniku
		HHNUM	Numru tas-serje tal-unità domestika
		HHSEQNUM	Numru tas-sekwenza fl-unità domestika
	Ponderazzjonijiet	COEFFQ	Fattur tal-ponderazzjoni trimestrali
		COEFFY	Fattur tal-ponderazzjoni annwali
		COEFF2Y	Fattur tal-ponderazzjoni għall-varjabbli biennali
		COEFFMOD	Fattur tal-ponderazzjoni annwali — modulu
		COEFFHH	Fattur tal-ponderazzjoni annwali tal-unità domestika
	Karatteristiċi tal-intervista	INTWAVE	Numru tas-sekwenza ta' kull mewġa tal-istħarriġ
		INTQUEST	Kwestjonarju użat
		MODE	Il-modalità użata tal-intervista
		PROXY	It-tip ta' parteċipazzjoni fl-istħarriġ
	Lokalizzazzjoni	COUNTRY	Pajjiż ta' residenza
		REGION	Reġjun ta' residenza
		DEGURBA	Grad ta' urbanizzazzjoni

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli
02. Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika - 14-il varjabbli miġbur (9 trimestrali; 4 annwali; 1 biennali) - varjabbli derivat wieħed	Demografija	SEX	Ġeneru
		YEARBIR	Sena tat-twelid
		PASSBIR	L-aħħar għeluq is-snin
		AGE	Età fi snin magħluqa
	Ċittadinanza u sfond migratorju	CITIZENSHIP	Pajjiż taċ-ċittadinanza prinċipali
		COUNTRYB	Pajjiż tat-twelid
		COBFATH	Pajjiż tat-twelid tal-missier
		COBMOTH	Pajjiż tat-twelid tal-omm
	Raġunijiet għall-migrazzjoni	MIGREAS	Raġuni ewlenija għall-migrazzjoni
	Kompożizzjoni tal-unità domestika	HHLINK	Parentela mal-persuna ta' referenza fl-unità domestika
	Kompożizzjoni tal-unità domestika — dettalji speċifiċi addizzjonali	HHSPOU	Numru tas-sekwenza tas-sieħeb/sieħba
		HHFATH	Numru tas-sekwenza tal-missier
		HHMOTH	Numru tas-sekwenza tal-omm
	Soġġorn fil-pajjiż	YEARESID	Tul tas-soġġorn fil-pajjiż ta' residenza bħala snin sħaħ
COUNTRPR		Pajjiż ta' residenza preċedenti	
03. Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol - 35 varjabbli miġbur (25 trimestrali; 10 annwali) - żewġ (2) varjabbli derivati	Status tal-impjieg	WKSTAT	Ħidma fil-ġimgħa ta' referenza
		ABSREAS	Raġuni ewlenija għall-assenza tul il-ġimgħa ta' referenza kollha
		JATTACH	Rabta max-xogħol
		EMPSTAT	Qed taħdem
		ILOSTAT	Status tal-impjieg ILO
	It-tieni impjieg jew diversi impjegi	NUMJOB	Għadd ta' impjegi
		STAPRO2J	Status tal-impjieg fil-każ tat-tieni impjieg
		NACE2J2D	Attività ekonomika tal-unità lokali għat-tieni impjieg
	Tiftix għal impjieg	SEEKWORK	Tiftix għal impjieg tul l-erba' (4) ġimgħat li jintemmu fil-ġimgħa ta' referenza
		SEEKREAS	Raġunijiet ewlenin għal nuqqas ta' tiftix ta' impjieg

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli
		ACTMETNE	Użajt metodu ta' tiftix attiv biex tfittex impjeg (għall-persuni mhux impjegati)
		SEEKDUR	It-tul tat-tiftix għal impjeg
	Ħerqa għax-xogħol	WANTWORK	Persuna ħerqana taħdem anke jekk mhix qed tfittex impjeg
		WANTREAS	Raġunijiet ewlenin għal nuqqas ta' ħerqa għax-xogħol
	Sottoimpjeg	WISHMORE	Persuna ħerqana taħdem aktar mis-siġhat tas-soltu
	Disponibbiltà	AVAILBLE	Disponibbli biex tibda taħdem minnufih jew biex taħdem aktar
		AVAIREAS	Raġuni ewlenija għal nuqqas ta' disponibbli biex tibda taħdem minnufih jew biex taħdem aktar
	Post tax-xogħol	COUNTRYW	Pajjiż tal-post tax-xogħol għall-impjeg ewlieni
		REGIONW	Reġjun tal-post tax-xogħol għall-impjeg ewlieni
	Xogħol mid-dar	HOMEWORK	Xogħol mid-dar għall-impjeg ewlieni
	Karatteristiċi elementari tal-impjeg	STAPRO	Status tal-impjeg fil-każ tal-impjeg ewlieni
		NACE3D	Attività ekonomika tal-unità lokali għall-impjeg ewlieni
		ISCO4D	Okkupazzjoni tal-impjeg ewlieni
		FTPT	Impjeg ewlieni full-time jew part-time (awtodefinit)
	Tul tal-kuntratt	TEMP	Permanenza tal-impjeg ewlieni
		TEMPDUR	Tul totali tal-impjeg ewlieni temporanju
	Dettalji tal-kuntratt	TEMPREAS	Raġuni ewlenija għal impjeg ewlieni temporanju
		TEMPAGCY	Kuntratt ma' aġenzija tax-xogħol temporanju għall-impjeg ewlieni
	Status full-time jew part-time — raġuni	FTPTREAS	Raġuni prinċipali għal xogħol part-time fil-każ tal-impjeg ewlieni
	Ħaddiem għal rasu dipendenti	MAINCLNT	Għadd u importanza ta' klijenti tull it-12-il xahar li jintemmu bil-gimġha ta' referenza
		VARITIME	Deċiżjoni dwar il-bidu u t-tmiem tal-ħin tax-xogħol
	Responsabbiltajiet superviżorji	SUPVISOR	Responsabbiltajiet superviżorji tal-impjeg ewlieni
	Daqs tal-istabbiliment	SIZEFIRM	Daqs tal-unità lokali għall-impjeg ewlieni

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli
	Tiftix għal impjieg ieħor	LOOKOJ	Qed tfitte impjieg ieħor
		HWWISH	Għadd ta' sığhat li l-persuna tixtieq taħdem b'kollox fil-ġimgħa
	Ħtiġijiet tal-kura	NEEDCARE	Raġuni prinċipali għalfejn il-kura tat-tfal jew tal-qraba inabilitati tillimita l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol
	Status tal-attività ewlenija (awtodefinit)	MAINSTAT	Status tal-attività ewlenija (awtodefinit)
04. Livell edukattiv milħuq u sfond edukattiv - 4 varjabbli miġbura (1 trimestrali; 3 annwali)	Livell edukattiv milħuq – dettalji, inkluż edukazzjoni interrotta jew abbandunata	HATLEVEL	Livell edukattiv milħuq (l-ogħla livell edukattiv mitmum b'suċċess)
		HATFIELD	Qasam tal-ogħla livell edukattiv mitmum b'suċċess
		HATYEAR	Sena meta ntemm b'suċċess l-ogħla livell edukattiv milħuq
		HATWORK	Esperjenza tax-xogħol fil-post tax-xogħol bħala parti minn HATLEVEL
05. Żamma ta' impjieg, bijografija professjonali u esperjenza tax-xogħol preċedenti - 11-il varjabbli miġbur (6 trimestrali; 5 annwali)	Bidu ta' impjieg	YSTARTWK	Sena meta l-persuna bdiet taħdem għall-impjegatur attwali jew għal rasha f'dawn l-impjieg ewlieni
		MSTARTWK	Xahar meta l-persuna bdiet taħdem għall-impjegatur attwali jew għal rasha f'dawn l-impjieg ewlieni
	Kif instab l-impjieg	WAYJFOUN	Servizz pubbliku tal-impjieg li għen biex jinstab l-impjieg ewlieni attwali
		FINDMETH	L-aktar metodu effettiv użat biex jinstab l-impjieg ewlieni attwali (għall-persuni f'impjieg)
	Kontinwità u pawżi tal-karriera	EXISTPR	Eżistenza ta' esperjenza tax-xogħol preċedenti
		YEARPR	Sena meta l-persuna ħalliet l-aħħar impjieg jew negozju
		MONTHPR	Xahar meta l-persuna ħalliet l-aħħar impjieg jew negozju
		LEAVREAS	Raġuni prinċipali għalfejn il-persuna ħalliet l-aħħar impjieg jew negozju
	Karatteristiċi elementari tal-aħħar impjieg	STAPROPR	Status tal-impjieg fil-każ tal-aħħar impjieg jew negozju
		NACEPR2D	Attività ekonomika tal-unità lokali fejn il-persuna ħadmet l-aħħar
ISCOPR3D		Okkupazzjoni tal-aħħar impjieg	
06. Kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż sığhat tax-xogħol u arranġamenti tal-ħin tax-xogħol - 14-il varjabbli miġbur (9 trimestrali; 5 biennali)	Ħinijiet tax-xogħol	CONTRHRS	Sığhat tax-xogħol kuntrattwali tal-impjieg ewlieni
		HWUSUAL	Numru ta' sığhat fil-ġimgħa li jinħadmu s-soltu fl-impjieg ewlieni
		ABSHOLID	Jiem ta' assenza mill-impjieg ewlieni minħabba btajjel u liv
		ABSILLINJ	Jiem ta' assenza mill-impjieg ewlieni minħabba mard, korriment jew diżabilità temporanja tal-persuna stess

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli
		ABSOTHER	Jiem ta' assenza mill-impjieg ewlieni minħabba raġunijiet oħra
		EXTRAHRS	Sahra jew sigħat żejda maħduma fl-impjieg ewlieni
		HWACTUAL	Numru ta' sigħat maħduma realment fl-impjieg ewlieni
		HWUSU2J	Numru ta' sigħat fil-ġimgħa li jinħadmu s-soltu fit-tieni impjieg
		HWACTU2J	Numru ta' sigħat maħduma realment fit-tieni impjieg
	Arranġamenti tal-ħin tax-xogħol	SHIFTWK	Xogħol bix-xift fl-impjieg ewlieni
		EVENWK	Xogħol filgħaxija fl-impjieg ewlieni
		NIGHTWK	Xogħol billejl fl-impjieg ewlieni
		SATWK	Xogħol nhar ta' Sibt fl-impjieg ewlieni
		SUNWK	Xogħol nhar ta' Ħadd fl-impjieg ewlieni
07. Parteċipazzjoni f'edukazzjoni u taħriġ - 6 varjabbli miġbura (3 trimestrali; 3 biennali)	Parteċipazzjoni f'edukazzjoni u taħriġ (4 ġimgħat)	EDUCFED4	Parteċipazzjoni f'edukazzjoni u taħriġ formali (student jew apprendist) fl-aħħar 4 ġimgħat
		EDUCLEV4	Livell tal-aktar attività riċenti ta' edukazzjoni jew taħriġ formali fl-aħħar 4 ġimgħat
		EDUCNFE4	Parteċipazzjoni f'edukazzjoni u taħriġ mhux formali fl-aħħar 4 ġimgħat
	Parteċipazzjoni f'edukazzjoni u taħriġ formali u mhux formali (12-il xahar)	EDUCFED12	Parteċipazzjoni f'edukazzjoni u taħriġ formali (student jew apprendist) fl-aħħar 12-il xahar
		EDUCLEV12	Livell tal-aktar attività riċenti ta' edukazzjoni jew taħriġ formali fl-aħħar 12-il xahar
		EDUCNFE12	Parteċipazzjoni f'edukazzjoni u taħriġ mhux formali fl-aħħar 12-il xahar
08. Saħħa: status u diżabbiltà, aċċess għall-kura tas-saħħa, id-disponibbiltà u l-użu tal-kura tas-saħħa, u l-fatturi determinanti tas-saħħa - 2 varjabbli miġburin (2 biennali)	Diżabbiltà u elementi oħra tal-Modulu Minim tas-Saħħa fl-Ewropa	GENHEALTH	Awtoperċezzjoni dwar is-saħħa ġenerali
	Elementi tal-Modulu Minim tas-Saħħa fl-Ewropa	GALI	Limitazzjoni fl-attivitajiet minħabba problemi tas-saħħa

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli
09. Introjtu, konsum u elementi tal-ġid, inkluż id-djun - 2 varjabbli miġbura (1 trimestrali; 1 annwali) - varjabbli tekniku wieħed	Introjtu mix-xogħol	INCGROSS	Paga grossa fix-xahar mill-impjieg ewlieni
		INCGROSS_F	Bandiera fuq il-paga grossa fix-xahar mill-impjieg ewlieni
	Introjtu mill-benefiċċji tal-qgħad	REGISTER	Reġistrazzjoni ma' Servizz pubbliku tal-impjieg (PES)
03b. Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol - 11-il varjabbli miġbur (11 kull tmien snin)	Sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-migranti u d-dixxendenti immedjati tagħhom	HATPAR	Livell edukattiv milħuq tal-ġenituri tar-risponent
		HATCNTR	Pajjiż fejn intemm b'suċċess l-ogħla livell edukattiv milħuq
		JOBSATISF	Sodisfazzjon tal-impjieg
		DISCRIMI	Sens ta' diskriminazzjoni kontrik fuq il-post tax-xogħol fl-impjieg attwali
		JOBOSTA	Ostaklu ewlieni biex jinkiseb impjieg xieraq
		PRKNLANG	Ħiliet bil-lingwa prinċipali tal-pajjiż ospitanti qabel il-migrazzjoni
		LANGHOST	Ħiliet attwali bil-lingwa prinċipali tal-pajjiż ospitanti
		SKILLEQ	Ekwivalenza tal-ħiliet bejn l-impjieg ewlieni l-ġdid u l-impjieg ewlieni antik
		LANGCOUR	Parteċipazzjoni f'kurs dwar il-lingwa prinċipali tal-pajjiż ospitanti
		DURFIJOB	Ħin meħtieġ biex jinstab l-ewwel impjieg imħallas fil-pajjiż ospitanti
ESTQUAL	Rikonoxximent ta' kwalifiki formali miksuba barra mill-pajjiż		

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/258

tas-16 ta' Diċembru 2019

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għad-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex jiġu koperti l-ħtiġijiet identifikati fis-suġġetti dettaljati rilevanti, il-Kummissjoni jenħtieġ tispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għas-sett tad-*data* fid-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien (UE-SILC).
- (2) L-istħarriġ tal-EU-SILC hu strument ewlieni biex tingħata l-informazzjoni meħtieġa mis-Semestru Ewropew u mill-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari għad-distribuzzjoni tal-introjtu, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, kif ukoll diversi politiki tal-UE relatati mal-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-faqar, fosthom fuq il-faqar fost it-tfal, l-aċċess għall-kura tas-saħħa u servizzi oħra, l-abitazzjoni, id-dejn eċċessiv u l-kwalità tal-ħajja. Barra minn hekk, dan hu s-sors ewlieni tad-*data* għal skopijiet ta' mikrosimulazzjoni u stimi rapidi tad-distribuzzjoni tal-introjtu u r-rati tal-faqar.
- (3) L-għadd ta' varjabbli li jridu jinġabru ma jkunx jaqbeż b'aktar minn 5 % lill-għadd ta' varjabbli miġbura għas-settur tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien, fil-mument meta daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2019/1700.
- (4) Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet xierqa ma' esperti nazzjonali bħala parti mit-tħejjija ta' dan l-att delegat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-għadd u t-titlu tal-varjabbli għas-sett tad-*data* fid-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien kif stabbilit fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁽¹⁾ ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Għadd u titoli tal-varjabbli għad-dominju tal-introjt u l-kundizzjonijiet tal-għajxien

Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	
KKInformazzjoni dwar il-ġbir tad- <i>data</i> 24 varjabbli tekniku (<i>annwali</i>) 3 varjabbli derivati (<i>annwali</i>)	DB010	Sena tal-istħarriġ	
	DB020	Pajjiż ta' residenza	
	DB040	Reġjun ta' residenza	
	DB050	Strat	
	DB060	Unità primarja tal-kampjunar (PSU)	
	DB062	Unità sekondarja tal-kampjunar (SSU)	
	DB070	Ordni tal-għażla tal-PSU	
	DB075	Gruppi rotazzjonali	
	DB076	Mewġa tal-intervisti	
	DB110	Stat tal-unità domestika	
	DB120	Indirizz ta' kuntatt	
	DB130	Riżultat tal-kwestjonarju dwar l-unità domestika	
	DB135	Aċċettazzjoni tal-intervista dwar l-unità domestika	
	RB010	Sena tal-istħarriġ	
	RB020	Pajjiż ta' residenza	
	HB010	Sena tal-istħarriġ	
	HB020	Pajjiż ta' residenza	
	HB040	Jum tal-intervista dwar l-unità domestika	
	HB050	Xahar tal-intervista dwar l-unità domestika	
	HB060	Sena tal-intervista dwar l-unità domestika	
	HB100	Għadd ta' minuti biex jimtela l-kwestjonarju dwar l-unità domestika	
	PB010	Sena tal-istħarriġ	
	PB020	Pajjiż ta' residenza	
	PB090	Jum tal-intervista personali	
	PB100	Xahar tal-intervista personali	
	PB110	Sena tal-intervista personali	
	PB120	Għadd ta' minuti biex jimtela l-kwestjonarju personali	
	Identifikazzjoni 9 varjabbli tekniċi (<i>annwali</i>)	DB030	ID tal-unità domestika
		RB030	ID personali
		RB032	Numru sekwenzjali tal-persuna fl-unità domestika
RB040		ID attwali tal-unità domestika	
RB100		Persuna tal-kampjun jew koresident	

Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli
	HB030	ID tal-unità domestika
	HB070	ID personali tar-risponent tal-kwestjonarju tal-unità domestika
	PB030	ID personali
	PB265	ID personali tal-persuna li mljet il-kwestjonarju individwali
Ponderazzjonijiet 16-il varjabbli tekniku (annwali)	DB080	Ponderazzjoni tad-disinn tal-unità domestika
	DB090	Ponderazzjoni trasversali tal-unità domestika
	DB095	Ponderazzjoni lonġitudinali tal-unità domestika
	RB050	Ponderazzjoni trasversali personali
	RB060	Ponderazzjoni bażi personali
	RB062	Ponderazzjoni lonġitudinali (fuq sentejn)
	RB063	Ponderazzjoni lonġitudinali (fuq tliet snin)
	RB064	Ponderazzjoni lonġitudinali (fuq erba' snin)
	RB065	Ponderazzjoni lonġitudinali (fuq ħames snin)
	RB066	Ponderazzjoni lonġitudinali (fuq sitt snin)
	RL070	Ponderazzjoni trasversali tat-tfal għall-indukrar tat-tfal
	PB040	Ponderazzjoni trasversali personali (kull membru tal-unità domestika li għalaq is-16-il sena)
	PB050	Ponderazzjoni bażi personali (kull membru tal-unità domestika li għalaq is-16-il sena)
	PB060	Ponderazzjoni trasversali personali tar-risponent magħżul
	PB070	Ponderazzjoni tad-disinn personali tar-risponent magħżul
	PB080	Ponderazzjoni bażi personali tar-risponent magħżul
Karatteristiċi tal-intervista 4 varjabbli tekniċi (annwali)	RB250	Status tad- <i>data</i>
	HB130	Modalità użata tal-intervista (unità domestika)
	PB260	It-tip ta' parteċipazzjoni fl-istħarriġ
	PB270	Modalità użata tal-intervista (persuna)
Lokalizzazzjoni Varjabbli tekniċi wieħed (annwali)	DB100	Grad ta' urbanizzazzjoni
Demografija 9 varjabbli miġbura (annwali)	RB080	Sena tat-twelid
	RB081	Età fi snin magħluqa
	RB082	Età bħala snin magħluqa fil-mument tal-intervista
	RB083	L-aħħar għeluq is-snin fil-mument tal-intervista
	RB090	Ġeneru

Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli
	RB110	Status tas-sħubija
	RB120	Post fejn iċċaqilqet il-persuna
	RB220	ID tal-missier
	RB230	ID tal-omm
	RB240	ID tal-konjuġi/sieħeb/sieħba
	RB245	Status tar-rispondent
	PB140	Sena tat-twelid
	PB150	Ġeneru
	PB160	ID tal-missier
	PB170	ID tal-omm
	PB180	ID tal-konjuġi/sieħeb/sieħba
	PB190	Status ċivili
	PB200	Unjoni konsenswali
Ċittadinanza u sfond migratorju 4 varjabbli miġbura (annwali)	RB280	Pajjiż tat-twelid
	RB290	Pajjiż taċ-ċittadinanza prinċipali
	PB230	Pajjiż tat-twelid tal-missier
	PB240	Pajjiż tat-twelid tal-omm
Kompożizzjoni tal-unità domestika 2 varjabbli miġbura (annwali)	RB200	Status residenzjali
	RG_Z#	Network tal-unitajiet domestiċi
Kompożizzjoni tal-unitajiet domestiċi – dettalji speċifiċi addizzjonali 3 varjabbli derivati (annwali)	HB110	Tip ta' unità domestika
	HB120	Daqs tal-unità domestika
	PB205	Sħab li jgħixu fl-istess unità domestika
Tul tas-soġġorn fil-pajjiż Varjabbli miġbur wieħed (annwali)	RB285	Tul tas-soġġorn fil-pajjiż ta' residenza bħala snin sħaħ
Diżabbiltà u Modulu Minimu tas-Saħħa fl-Ewropa 3 varjabbli miġbura (annwali)	PH010	Awtoperċezzjoni dwar is-saħħa ġenerali
	PH020	Problema tas-saħħa dejjiema
	PH030	Limitazzjoni fl-attivitajiet minħabba problemi tas-saħħa
Saħħa tat-tfal 2 varjabbli miġbura (kull 3 snin)	RCH010	Saħħa ġenerali (tat-tfal)
	RCH020	Limitazzjoni fl-attivitajiet minħabba problemi tas-saħħa (tfal)
Aċċess għall-kura tas-saħħa 4 varjabbli miġbura (annwali)	PH040	Ħtieġa mhux sodisfata ta' eżami jew trattament mediku
	PH050	Raġuni prinċipali għal ħtieġa mhux sodisfata ta' eżami jew trattament mediku
	PH060	Ħtieġa mhux sodisfata ta' eżami jew trattament dentali

Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli
	PH070	Raġuni prinċipali għal ħtieġa mhux sodisfata ta' eżami jew trattament dentali
Aċċess għall-kura tas-saħħa (tfal)	HCH010	Ħtieġa mhux sodisfata ta' eżami jew trattament mediku (tfal)
4 varjabbli miġbura (kull 3 snin)	HCH020	Raġuni prinċipali għal ħtieġa mhux sodisfata ta' eżami jew trattament mediku (tfal)
	HCH030	Ħtieġa mhux sodisfata ta' eżami jew trattament dentali (tfal)
	HCH040	Raġuni prinċipali għal ħtieġa mhux sodisfata ta' eżami jew trattament dentali (tfal)
Status tal-attività ewlenija (awtodefinizzjoni)	RB211	Status tal-attività ewlenija (awtodefinizzjoni)
4 varjabbli miġbura (annwali)	PL032	Status ekonomiku attwali awtodefinit
	PL040 A	Status fl-impjieg
	PL040B	Status fl-impjieg fil-każ tal-aħħar impjieg
Karatteristiċi elementari tal-impjieg	PL051 A	Okkupazzjoni tal-impjieg ewlieni
5 varjabbli miġbura (annwali)	PL051B	Okkupazzjoni (l-aħħar impjieg)
	PL111 A	Attività ekonomika tal-unità lokali għall-impjieg ewlieni
	PL111B	Attività ekonomika tal-unità lokali għall-aħħar impjieg
	PL145	Impjieg ewlieni full-time jew part-time (awtodefinit)
Tul tal-kuntratt Varjabbli miġbur wieħed (1) (annwali)	PL141	Permanenza tal-impjieg ewlieni
Sitwazzjoni dettaljata tas-suq tax-xogħol	PL073	Għadd ta' xhur f'impjieg full-time bħala impjegat
Varjabbli miġbur wieħed (1) (annwali)	PL074	Għadd ta' xhur f'impjieg part-time bħala impjegat
11-il varjabbli derivat (annwali)	PL075	Għadd ta' xhur f'impjieg full-time bħala ħaddiem għal rasu (inkluż ħaddiem tal-familja)
	PL076	Għadd ta' xhur f'impjieg part-time bħala ħaddiem għal rasu (inkluż ħaddiem tal-familja)
	PL080	Għadd ta' xhur bħala persuna qiegħda
	PL085	Għadd ta' xhur bħala persuna rtirata
	PL086	Għadd ta' xhur bħala persuna li ma tistax taħdem min-ħabba problemi tas-saħħa dejjiema
	PL087	Għadd ta' xhur bħala student
	PL088	Għadd ta' xhur f'servizz militari obbligatorju
	PL089	Għadd ta' xhur biex jitwettqu kompiti domestiċi
	PL090	Għadd ta' xhur f'attività oħra
	PL271	It-tul tal-aktar perjodu ta' qgħad riċenti

Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli
Responsabbiltajiet superviżorji <i>Varjabbli miġbur wieħed (1) (annwali)</i>	PL150	Responsabbiltajiet superviżorji fl-impjeg ewlieni
Esperjenza tax-xogħol preċedenti <i>2 varjabbli miġbura (annwali)</i>	PL016	Eżistenza ta' esperjenza tax-xogħol preċedenti
	PL200	Għadd ta' snin f'impjeg imħallas (bħala impjegat jew ħaddiem għal rasu)
Kalendarju tal-attivitajiet <i>12-il varjabbli miġbur (annwali)</i>	PL211A	Attività prinċipali f'Jannar
	PL211B	Attività prinċipali fi Frar
	PL211C	Attività prinċipali f'Marzu
	PL211D	Attività prinċipali f'April
	PL211E	Attività prinċipali f'Mejju
	PL211F	Attività prinċipali f'Ġunju
	PL211G	Attività prinċipali f'Lulju
	PL211H	Attività prinċipali f'Awwissu
	PL211I	Attività prinċipali f'Settembru
	PL211J	Attività prinċipali f'Ottubru
	PL211K	Attività prinċipali f'Novembru
	PL211L	Attività prinċipali f'Diċembru
Ħinijiet tax-xogħol <i>2 varjabbli miġbura (annwali)</i>	PL060	Għadd ta' sigħat maħduma s-soltu fil-ġimgħa fl-impjeg ewlieni
	PL100	Għadd totali ta' sigħat maħduma s-soltu fil-ġimgħa fit-tieni, fit-tielet u l-bqija tal-impjegi
Livell edukattiv milħuq <i>Varjabbli miġbur wieħed (1) (annwali)</i>	PE041	Livell edukattiv milħuq
Parteċipazzjoni f'attivitajiet tal-edukazzjoni formali (bħalissa) <i>4 varjabbli miġbura (annwali)</i>	RL010	Edukazzjoni ta' qabel l-iskola primarja
	RL020	Edukazzjoni obbligatorja
	PE010	Parteċipazzjoni f'edukazzjoni u taħriġ formali (student jew apprendist)
	PE021	Livell ta' attività kurrenti/l-aktar riċenti ta' edukazzjoni jew taħriġ formali
Kwalità tal-ħajja <i>2 varjabbli miġbura (annwali)</i>	PW010	Sodisfazzjon ġenerali bil-ħajja
	PW191	Fiduċja fl-oħrajn
Privazzjoni materjali <i>14-il varjabbli miġbur (annwali)</i>	HD080	Bdil ta' għamara mherrija
	HH050	Kapaċità li d-dar tinżamm sħuna biżżejjed
	HS040	Kapaċità li tħallas għal ġimgħa btala fis-sena 'l bogħod mid-dar
	HS050	Kapaċità li tiekol ikla laħam, tiġieġ, ħut (jew ekwivalenti għal min hu veġitarjan) kull jumejn

Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli
	HS060	Kapaċità li ġġorr xi spejjeż finanzjarji mhux mistennija
	HS090	Għandek kompjuter
	HS110	Għandek karozza
	HS120	Kapaċità ta' sopravivenza
	PD020	Kapaċità li tibdel il-ħwejjeġ mherrija b'oħrajn ġodda (mhux użati)
	PD030	Għandek żewġ pari żraben ta' daqs tajjeb (fosthom par żarbun għall-istaġuni kollha)
	PD050	Tingħaqad mal-ħbieb/familja (qraba) għal xarba/ikla mill-inqas darba f'xahar
	PD060	Tieħu sehem regolari f'attività ta' divertiment
	PD070	Tonfoq ammont żgħir ta' flus kull ġimgħa għalik
	PD080	Għandek konnessjoni mal-Internet għal użu personali fid-dar
Privazzjoni speċifika għat-tfal 13-il varjabbli miġbur (kull 3 snin)	HD100	Xi ħwejjeġ ġodda (mhux użati)
	HD110	Għandek żewġ pari żraben ta' daqs tajjeb (fosthom par żarbun għall-istaġuni kollha)
	HD120	Frott u ħaxix darba kuljum
	HD140	Ikla waħda laħam, tiġieġ jew ħut (jew ekwivalent għal min hu veġitarjan) għall-inqas darba kuljum
	HD150	Kotba d-dar adattati għall-età ta' tagħhom
	HD160	Tagħmir ta' divertiment fuq barra
	HD170	Logħob ta' ġewwa
	HD180	Attività ta' divertiment regolari
	HD190	Ċelebrazzjonijiet f'okkażjonijiet speċjali
	HD200	Tistieden minn żmien għal żmien lill-ħbieb biex tilgħab u tiekol magħhom
	HD210	Tieħu sehem f'fargiet tal-iskola u f'avvenimenti skolastiċi li jiswew il-flus
	HD220	Post xieraq għall-istudju jew għax-xogħol skolastiku fid-dar
	HD240	Tagħmel btala 'l bogħod mid-dar mill-inqas għal ġimgħa kull sena
Karatteristiċi ewlenin tal-abitazzjoni 3 varjabbli miġbura (annwali)	HH010	Tip ta' abitazzjoni
	HH021	Stat tal-pussess tal-unità domestika
	HH030	Għadd ta' kmamar disponibbli fl-unità domestika
Kost tal-abitazzjoni, inkluż kostijiet tal-utilità mnaqqsa 4 varjabbli miġbura (annwali)	HH060	Kirja bħalissa relatata mal-abitazzjoni okkupata
	HH070	Kost totali tal-abitazzjoni
	HH071	Rimborż tal-kapital ipotekarju
	HS022	Kost tal-utilità mnaqqsa

Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli
Indukrar tat-tfal 4 varjabbli miġbura (annwali)	RL030	Indukrar tat-tfal f'ċentru tas-servizzi barra mis-siġhat tal-iskola (qabel/wara)
	RL040	Indukrar tat-tfal f'ċentru tal-kura ta' matul il-jum
	RL050	Indukrar tat-tfal minn persuna li tiegħu ħsieb it-tfal professjonali f'dar tat-tfal jew fid-dar tal-persuna li tiegħu ħsieb it-tfal
	RL060	Indukrar tat-tfal minn nanniet, membri tad-dar minbarra l-ġenituri, qrafa oħra, ħbieb jew ġirien
Introjtu mix-xogħol 5 varjabbli miġbura (annwali)	PY010G/P-Y010N	Introjtu tal-impjegat fi flus jew kważi fi flus
	PY020G/P-Y020N	Introjtu tal-impjegat mhux fi flus
	PY021G/P-Y021N	Karozza tal-kumpanija
	PY030G	Kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegatur
	PY050G/P-Y050N	Qligħ jew telf fi flus minn xogħol għal rasu
Introjtu mit-trasferimenti soċjali 8 varjabbli miġbura (annwali) 32 varjabbli magħruf mill-pajjiżi (annwali)	HY050-G/HY050N	Gratifikasi relatati mal-familja/mat-tfal,
	HY060-G/HY060N	Gratifikasi/benefiċċji tal-esklużjoni soċjali li mhumiex klas-sifikati band'oħra
	HY070-G/HY070N	Gratifikasi tal-abitazzjoni
	PY090G/P-Y090N	Benefiċċji tal-qgħad
	PY110G/P-Y110N	Benefiċċji tas-superstiti
	PY120G/P-Y120N	Benefiċċji tal-mard
	PY130G/P-Y130N	Benefiċċji tad-diżabbiltà
	PY140G/P-Y140N	Gratifikasi relatati mal-edukazzjoni
	HY051G	Gratifikasi relatati mal-familja/tfal (kontributorji u skont eżami tal-mezzi)
	HY052G	Gratifikasi relatati mal-familja/tfal (kontributorji u mhux skont eżami tal-mezzi)
	HY053G	Gratifikasi relatati mal-familja/tfal (mhux kontributorji, u skont eżami tal-mezzi)
	HY054G	Gratifikasi relatati mal-familja/tfal (mhux kontributorji u mhux skont eżami tal-mezzi)
	HY061G	Gratifikasi/benefiċċji tal-esklużjoni soċjali li mhumiex klas-sifikati band'oħra (Kontributorji u skont eżami tal-mezzi)
HY062G	Gratifikasi/benefiċċji tal-esklużjoni soċjali li mhumiex klas-sifikati band'oħra (Kontributorji u mhux skont eżami tal-mezzi)	

Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli
	HY063G	Gratifikati/benefiċċji tal-esklużjoni soċjali li mhumiex klasifikati band'oħra (Mhux kontributorji, u skont eżami tal-mezzi)
	HY064G	Gratifikati/benefiċċji tal-esklużjoni soċjali li mhumiex klasifikati band'oħra (Mhux kontributorji, u mhux skont eżami tal-mezzi)
	HY071G	Gratifikati tal-abitazzjoni (kontributorji u skont eżami tal-mezzi)
	HY072G	Gratifikati tal-abitazzjoni (kontributorji u mhux skont eżami tal-mezzi)
	HY073G	Gratifikati tal-abitazzjoni (mhux kontributorji, u skont eżami tal-mezzi)
	HY074G	Gratifikati tal-abitazzjoni (mhux kontributorji u mhux skont eżami tal-mezzi)
	PY091G	Benefiċċji tal-qgħad (kontributorji u skont eżami tal-mezzi)
	PY092G	Benefiċċji tal-qgħad (kontributorji u mhux skont eżami tal-mezzi)
	PY093G	Benefiċċji tal-qgħad (mhux kontributorji, u skont eżami tal-mezzi)
	PY094G	Benefiċċji tal-qgħad (mhux kontributorji u mhux skont eżami tal-mezzi)
	PY111G	Benefiċċji tas-superstiti (kontributorji u skont eżami tal-mezzi)
	PY112G	Benefiċċji tal-qgħad (kontributorji u mhux skont eżami tal-mezzi)
	PY113G	Benefiċċji tas-superstiti (mhux kontributorji, u skont eżami tal-mezzi)
	PY114G	Benefiċċji tas-superstiti (mhux kontributorji u mhux skont eżami tal-mezzi)
	PY121G	Benefiċċji tal-mard (kontributorji u skont eżami tal-mezzi)
	PY122G	Benefiċċji tal-mard (kontributorji u mhux skont eżami tal-mezzi)
	PY123G	Benefiċċji tal-mard (mhux kontributorji, u skont eżami tal-mezzi)
	PY124G	Benefiċċji tal-mard (mhux kontributorji u mhux skont eżami tal-mezzi)
	PY131G	Benefiċċji tad-diżabbiltà (kontributorji u skont eżami tal-mezzi)
	PY132G	Benefiċċji tad-diżabbiltà (kontributorji u mhux skont eżami tal-mezzi)
	PY133G	Benefiċċji tad-diżabbiltà (mhux kontributorji, u skont eżami tal-mezzi)
	PY134G	Benefiċċji tad-diżabbiltà (mhux kontributorji u mhux skont eżami tal-mezzi)

Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli
	PY141G	Gratifikasi relatati mal-edukazzjoni (kontributorji u skont eżami tal-mezzi)
	PY142G	Gratifikasi relatati mal-edukazzjoni (kontributorji u mhux skont eżami tal-mezzi)
	PY143G	Gratifikasi relatati mal-edukazzjoni (mhux kontributorji, u skont eżami tal-mezzi)
	PY144G	Gratifikasi relatati mal-edukazzjoni (mhux kontributorji u mhux skont eżami tal-mezzi)
Introjtu mill-pensjonijiet	PY080G/P-Y080N	Pensjoni minn pjanijiet privati individwali
2 varjabbli miġbura (annwali)	PY100G/P-Y100N	Benefiċċji tax-xjuħija
4 varjabbli magħrufa mill-pajjiżi (annwali)	PY101G	Benefiċċji tax-xjuħija (kontributorji u skont eżami tal-mezzi)
	PY102G	Benefiċċji tax-xjuħija (kontributorji u mhux skont eżami tal-mezzi)
	PY103G	Benefiċċji tax-xjuħija (mhux kontributorji, u skont eżami tal-mezzi)
	PY104G	Benefiċċji tax-xjuħija (mhux kontributorji u mhux skont eżami tal-mezzi)
Introjtu ieħor, inkluż introjtu minn trasferimenti ta' proprjetà u ta' kapital u bejn unitajiet domestiċi	HY040-G/HY040N	Introjtu mill-kiri ta' proprjetà jew art
7 varjabbli miġbura (annwali)	HY080-G/HY080N	Trasferimenti regolari riċevuti ta' flus bejn l-unitajiet domestiċi
	HY081-G/HY081N	Mantenimenti riċevuti (obbligatorji + volontarji)
	HY090-G/HY090N	Imgħax, dividendi, qligħ minn investimenti kapitali f'ne- gozji mhux inkorporati
	HY100-G/HY100N	Rimborż tal-imgħax fuq ipoteka
	HY110-G/HY110N	Introjtu li jirċievu persuni taħt is-16-il sena
	HY170-G/HY170N	Valur tal-oġġetti magħmula għall-konsum proprju
Taxxi u kontribuzzjonijiet imħallsa realment wara tnaqqis	HY120-G/HY120N	Taxxi regolari fuq il-ġid
7 varjabbli miġbura (annwali)	HY121-G/HY121N	Taxxi mħallsa fuq is-sjeda tal-abitazzjoni prinċipali tal-unità domestika
	HY130-G/HY130N	Trasferimenti regolari mħallsa ta' flus bejn unitajiet domestiċi
	HY131-G/HY131N	Mantenimenti mħallsa (obbligatorji + volontarji)
	HY140-G/HY140N	Taxxa fuq l-introjtu u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali
	HY145N	Rimborżi/riċevuti għal aġġustamenti tat-taxxa

Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli
	PY035G/P-Y035N	Kontribuzzjonijiet għal pjanijiet ta' pensjoni privata individwali
Introjtu annwali totali fil-livell ta' persuni u unitajiet domestiċi	HI010	Bidla fl-introjtu tal-unitajiet domestiċi meta mqabbel mas-sena ta' qabel
4 varjabbli miġbura (annwali)	HI020	Raġuni għaż-żieda fl-introjtu
4 varjabbli derivati (annwali)	HI030	Raġuni għat-tnaqqis fl-introjtu
	HI040	Stennija ta' introjtu tal-unitajiet domestiċi fit-12-il xahar li ġejjin
	HY010	Introjtu gross totali tal-unità domestika
	HY020	Introjtu disponibbli totali tal-unità domestika
	HY022	Introjtu totali disponibbli tal-unità domestika, qabel it-trasferimenti soċjali minbarra l-benefiċċji tax-xjuħija u tas-superstiti
	HY023	Introjtu totali disponibbli tal-unità domestika, qabel it-trasferimenti soċjali inkluż il-benefiċċji tax-xjuħija u tas-superstiti
Arretrati	HS011	Arretrati fuq self ipotekarju jew kiri
4 varjabbli miġbura (annwali)	HS021	Arretrati fuq kontijiet tal-utilità
	HS031	Arretrati fuq ħlasijiet bin-nifs jew ħlasijiet oħra ta' self
	HS150	Piż finanzjarju tal-ħlas lura ta' dejn minn xiri bin-nifs jew self
Modulu tas-suġġett ad hoc tal-2021		
Arranġamenti u kundizzjonijiet tal-għajxien tat-tfal b'familji separati jew imħalltin	HK010	Għadd ta' tfal li huma membri ta' unità domestika u li l-ġenitur l-ieħor jgħix barra mill-unità domestika
12-il varjabbli miġbur (annwali)	HK020	Għadd ta' tfal li mhumiex membri ta' unità domestika u li l-ġenitur tagħhom jgħix fl-unità domestika
Varjabbli derivat wieħed (1) (annwali)	PK010	Membri ta' unità domestika għandu tfal li mhumiex membri tal-unità domestika
	RK010	ID tal-ġenitur u numru sekwenzjali tal-wild li mhux membru tal-unità domestika
	RK020	Età tal-wild li mhux membru tal-unità domestika
	PK020	Raġuni prinċipali għalfejn ma jitqattax aktar ħin mat-tfal membri tal-unità domestika
	PK030	Raġuni prinċipali għalfejn ma jitqattax aktar ħin mat-tfal li mhumiex membri tal-unità domestika
	RK030	Ħin li s-soltu l-ġenitur jeħtieġ biex jasal fejn il-wild li mhux membru tal-unità domestika
	RK040	Frekwenza tal-kuntatt tul l-aħħar 12-il xahar (bit-telefown, bil-midja soċjali, eċċ.) mal-wild li mhux membru tal-unità domestika
	RK050	Wild li għandu/ħa kamra tas-sodda fejn j/torqod (inkluż kamra tas-sodda bejn l-aħwa)

Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli
	RK060	Frekwenza tal-ħin imqatta' b'mod attiv mal-wild (ikel, lo-għob, xogħol tal-iskola, mixi, taħdit, eċċ.)
	RK070	Għadd ta' ljieli fix-xahar li l-wild iqatta' fl-unità domestika (medja)
	RK080	Sitwazzjoni legali dwar il-kustodja tal-wild

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/259**tal-25 ta' Frar 2020****li jemenda għat-310 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u l-Artikolu 7a(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dan ir-Regolament.
- (2) Fit-18 ta' Frar 2020, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jneħħi żewġ entrati waħda mil-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom jenħtieġ li japplika l-iffriżar tal-assi u tar-riżorsi ekonomiċi.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Frar 2020.

*Għall-Kummissjoni**F'isem il-President**Aġent Direttur Ġenerali**Direttorat Ġenerali għall-Istabbiltà Finanzjarja, is-Servizzi
Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali*

⁽¹⁾ ĠUL 139 29.5.2002, p. 9.

ANNEX

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, l-entrati li ġejjin taħt l-intestatura "Persuni naturali" jitħassru:

- (1) "Al-Mokhtar Ben Mohamed Ben Al-Mokhtar Bouchoucha (magħruf ukoll bħala Bushusha, Mokhtar). Indirizz: Milan 38, Spinadesco (CR), l-Italja. Data tat-twelid: 13.10.1969 Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżin. Passaport Nru: K754050 (Passaport Tuneżin maħruġ fis-26.5.1999 u jiskadi fil-25.5.2004). Nru ta' Identifikazzjoni nazzjonali: 04756904 maħruġ fl-14.9.1984. Informazzjoni oħra: (a) Kodiċi fiskali Taljan: BCHMHT69R13Z352T, (b) Isem l-omm huwa Hedia Bannour. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 24.4.2002."
 - (2) "Imad Ben Bechir Ben Hamda Al-Jammali. Indirizz: 4, Triq Al-Habib Thamir, Manzal Tmim, Nabul, it-Tuneżija (indirizz tad-dar). Data tat-twelid: 25.1.1968 Post tat-twelid: Menzel Temime, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżin. Passaport Nru: (a) K693812 (Passaport Tuneżin maħruġ fit-23.4.1999, li skada fit-22.4.2004), (b) 01846592 (Identifikazzjoni nazzjonali). Informazzjoni oħra: (a) Kodiċi fiskali Taljan: JMM MDI 68A25 Z352D; (b) Isem l-omm huwa Jamilah. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 23.6.2004."
-

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/260

tal-25 ta' Frar 2020

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1202 fir-rigward tal-prevenzjoni tal-isplużjonijiet u l-protezzjoni minnhom

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, il-prodotti li jkunu konformi ma' standards armonizzati jew ma' partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippublikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, iridu jkunu preżunti konformi mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza stabbiliti fl-Anness II ta' dik id-Direttiva koperti minn dawk l-istandards jew minn partijiet minnhom.
- (2) Bl-ittra BC/CEN/46-92 – BC/CLC/05-92 tat-12 ta' Diċembru 1994, il-Kummissjoni għamlet talba lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) u lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) għat-tfassil u għar-reviżjoni tal-istandards armonizzati b'appoġġ tad-Direttiva 94/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾. Dik id-Direttiva ġiet sostitwita bid-Direttiva 2014/34/UE mingħajr ma nbidlu r-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 94/9/KE.
- (3) B'mod partikolari, is-CEN u s-CENELEC intalbu jfasslu standard dwar id-disinn u l-ittestjar ta' tagħmir għall-użu fatmosferi potenzjalment esplużivi kif indikat fil-Kapitolu I tal-programm ta' standardizzazzjoni maqbul bejn is-CEN u s-CENELEC u l-Kummissjoni u mehmuża mat-talba BC/CEN/46-92 – BC/CLC/05-92. Is-CEN u s-CENELEC intalbu wkoll jirrevedu l-istandards eżistenti bl-għan li jallinjawhom mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza tad-Direttiva 94/9/KE.
- (4) Abbażi tat-talba BC/CEN/46-92 – BC/CLC/05-92, is-CEN irveda l-istandard "EN 1127-1:2011, Atmosferi esplussivi – Prevenzjoni tal-isplużjonijiet u protezzjoni minnhom - il-Parti 1: Kunċetti bażiċi u metodoloġija". B'riżultat ta' dik ir-reviżjoni, is-CEN ippreżenta lill-Kummissjoni l-istandard "EN 1127-1:2019, Prevenzjoni tal-isplużjonijiet u protezzjoni minnhom - il-Parti 1: Kunċetti bażiċi u metodoloġija".
- (5) Il-Kummissjoni flimkien mas-CENELEC ivvalutat jekk l-istandard "EN IEC 1127-1:2019" imfassal mis-CEN huwiex konformi mat-talba BC/CEN/46-92 – BC/CLC/05-92.
- (6) L-istandard "EN 1127-1:2019" jissodisfa r-rekwiżiti li għandu l-għan li jkopri u li huma stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 2014/34/UE. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi ppubblikata r-referenza ta' dak l-istandard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (7) L-istandard "EN 1127-1:2019" jissostitwixxi l-istandard "EN 1127-1:2011". Għalhekk, jeħtieġ li r-referenza tal-istandard "EN 1127-1:2011" tiġi rtirata minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Sabiex il-manifatturi jkollhom biżżejjed żmien biex iħeju għall-applikazzjoni tal-istandard rivedut, jeħtieġ li l-irtirar tar-referenza tal-istandard "EN 1127-1:2011" jiġi diferit.

⁽¹⁾ ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

⁽²⁾ Id-Direttiva 2014/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għal tagħmir u sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu fatmosferi potenzjalment esplużivi (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 309).

⁽³⁾ Id-Direttiva 94/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Marzu 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw it-tagħmir u sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu fatmosferi potenzjalment esplussivi (ĠU L 100, 19.4.1994, p. 1).

- (8) Ir-referenzi tal-istandards armonizzati mfassla b'appoġġ tad-Direttiva 2014/34/UE huma ppubblikati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1202 (*). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1202 ppubblikat biss referenza waħda tal-istandard armonizzat, "EN IEC 60079-0: 2018, Atmosferi espussivi — Parti 0: Apparat — Rekwiżiti ġenerali (IEC 60079-0: 2017)", li jikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti stabbiliti fid-Direttiva 2014/34/UE mit-12 ta' Lulju 2019. Ipprovdiet ukoll għall-irtirar tar-referenza tal-istandard preċedenti "EN IEC 60079-0: 2018. Sabiex jiġi żgurat li r-referenzi tal-istandards armonizzati mfassla b'appoġġ tad-Direttiva 2014/34/UE jiġu elenkati f'att wieħed, ir-referenza tal-istandards "EN 1127-1:2019" u "EN 1127-1:2011" jenħtieġ li jiġu inklużi fl-Annessi li għandhom jżiedu ma' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni flimkien mar-referenzi tal-istandards 60079-0:2018 u EN 60079-0:2012 + A11:2013.
- (9) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1202 tiġi emendata skont dan.
- (10) Il-konformità ma' standard armonizzat tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' tali standard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1202 hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikoli 1 u 2 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 1

Ir-referenzi tal-istandards armonizzati għall-apparat u s-sistemi protettivi intiżi għall-użu fl-atmosferi potenzjalment splussivi mfassla b'appoġġ tad-Direttiva 2014/34/UE, elenkati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni, huma b'dan ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 2

Ir-referenzi tal-istandards armonizzati għall-apparat u s-sistemi protettivi intiżi għall-użu fl-atmosferi potenzjalment splussivi mfassla b'appoġġ tad-Direttiva 2014/34/UE, elenkati fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni, huma b'dan irtirati minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mid-dati stabbiliti f'dak l-Anness.”;

- (2) L-Annessi I u II huma emendati kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Frar 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

(*) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1202 tat-12 ta' Lulju 2019 dwar l-istandards armonizzati għal tagħmir u sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu f'atmosferi potenzjalment espussivi mfassla b'sostenn għad-Direttiva 2014/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 189, 15.7.2019, p. 71).

ANNEX

"ANNEX I

Nru	Referenza tal-istandard
1.	EN IEC 60079-0:2018, Atmosferi espussivi — Parti 0: Apparat – Rekwiżiti ġenerali (IEC 60079-0:2017)
2.	EN 1127-1:2019, Prevenzjoni tal-isplużjonijiet u protezzjoni minnhom - Parti 1: Kunċetti bażiċi u metodoloġija

ANNEX II

Nru	Referenza tal-istandard	Data tal-irtirar
1.	EN 60079-0:2012 + A11:2013, Atmosferi espussivi — Parti 0: Apparat – Rekwiżiti ġenerali (IEC 60079-0:2011 Modifikat + IS1:2013)	Is-6 ta' Lulju 2021
2.	EN 1127-1:2011, Atmosferi espussivi - Prevenzjoni tal-isplużjonijiet u protezzjoni minnhom - Parti 1: Kunċetti bażiċi u metodoloġija	L-1 ta' Frar 2022"

RETTIFIKA

Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2208 tad-9 ta' Diċembru 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Protokoll Nru 1 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 332 tat-23 ta' Diċembru 2019)

Fil-paġna 139, Anness IV tal-Protokoll Nru 1 tal-abbozz ta' Deċiżjoni Nru .../2019 tal-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, ta'...2019 dwar l-adozzjoni tal-Protokoll Nru 1 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva:

minflok: "Verżjoni bil-Kroat

Izvoznik proizvoda obuhvaćenih ovom ispravom (carinsko ovlaštenje br. ... (1)) izjavljuje da su, osim ako je drukčije izričito navedeno, ovi proizvodi ... (2) povlaštenog podrijetla."

aqra: "Verżjoni bil-Kroat

Izvoznik proizvoda obuhvaćenih ovom ispravom (carinsko ovlaštenje br. ... (1)) izjavljuje da su, osim ako je drukčije izričito navedeno, ovi proizvodi ... (2) preferencijalnog podrijetla."

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

